MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
DOREEN CLARKE**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Numru. 688/2009

**Il-Pulizija
[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Anthony Fountain u
Stephen k/a Steve Abela**

Kumpilazzjoni Numru: 688/2009

**Illum, 15 ta’ Dicembru, 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Anthony Fountain** ta` 37 sena, bin Joseph u Maria Assunta nee` Pace imwieled Sliema fis-26 ta` April, 1972 u joqghod Blokk 3, Flat 2, Balluta Buildings Triq il-

Karmelitani San Giljan, u detentur tal-karta ta` l-identita` Numru 176872(M).

u

**Stephen k/a Steve Abela** ta` 36 sena bin Raphael k/a Wilfred u Anna nee` Vassallo imwieled San Giljan fid-19 ta` Gunju, 1973 u joqghod 22, Flat 4, Telghet San Giljan, San Giljan, detentur tal-karta ta` l-identita` Numru 272773(M).

Akkuzati talli:

F`Mejju 2009 u fis-snin ta` qabel f`dawn il-Gzejjer, b`mezzi kontra il-ligi jew billi ghamlu uzu ta` ismijiet foloz jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdew b`qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b`ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlu qligh ta` aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta` Joel Spiteri detentur tal-karta ta` l-identita` numru 142586(M) u Christine Bugeja detentrici tal-karta ta` l-identita` numru 332485(M), ai termini ta` l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprijaw ruhhom, billi dawwru bi profit ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta` (Joel) Spiteri detentur tal-karta ta` l-identita` numru 142586(M) u Christine Bugeja detentrici tal-karta ta` l-identita` numru 332485(M), ai termini ta` l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x`jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:
(a) 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz jirrizultaw ampjament u fil-verita ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi fit-2 ta’ Dicembru 2006 l-parte civile Joel Spiteri u Christine Bugeja ghamlu konvenju mas-socjeta Bahia Estates Limited dwar kompro-vendita fi stat ta’ gebel u saqaf ta’ maisonette u garaxx f’kumpless ta’ bini li kellu jinbena mill-istess socjeta Bahia Estates Limited; Bahia Estates Limited kienet il-venditrici fil-waqt li Joel Spiteri u Christine Bugeja kienu l-kompraturi. F’dik l-istess gurnata Joel Spiteri u Christine Bugejan kienu taw kuntratt ta’ appalt lis-socjeta Bahia Estates Limited li permezz tieghu din is-socjeta kellha taghmel ix-xogholijiet ta’ finishing f’dan l-appartament. Fil-perjodu tal-konvenju imsemmi l-partijiet ghamlu konvenju iehor; permezz tieghu il-kopja Spiteri u Bugeja kellha takkwista ukoll garaxx iehor minghand is-socjeta Bahia Estates Limited. Skond il-ftehiem milhuq bejn il-partijiet, il-kopja Spiteri u Bugeja ghamlu diversi pagamanenti akkont tal-prezz tax-xiri u ta’l-appalt. Il-kuntratt finali ma setghax isir minhabba li kien ghad hemm ipoteki fuqu favur terzi (il-Bank li kien ta self lil Bahia Estates Limited biex tinxtara u tigi zvillupata l-propjeta) ghalhekk baqghu jigu mgedda minn zmien ghal zmien sa kemm f’certu punt l-parte civile iddeciedew li ma ridux jistennew aktar u ghalhekk il-konvenji ma regghux

gew imgedda. Huma gustament pretendew li dawk l-ammonti li kienu hallsu akkont tal-prezz tax-xiri u ta'l-appalt jigu rifuz lilhom; peress li dawn l-ammonti ma gewx rifuzi huma ghamlu proceduri civili kontra Bahia Estates Limited pero xorta baqghu ma thallsux ghalhekk irrapurtaw dan il-kaz lill-pulizija li da parti taghhom mexxew bil-proceduri odjerni. Pendenti l-proceduri odjerni l-parte civile thallsu l-ammonti kollha lilhom dovuta minn Bahia Estates Limited.

Illi s-socjeta Bahia Estates Limited kienet u ghada rapprezentata miz-zewg imputati.

Ikkunsidrat

Illi ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali l-imputazzjonijiet migjuba kontra z-zewg imputati huma dawk ta' appropjazzjoni indebita u ta' truffa jew frodi innominata.

Illi dwar l-appropjazzjoni indebita huwa pacifiku fis-sistema giuridika taghna li biex jissussisti dan ir-reat irid jigi pruvat li persuna tkun:

1. irciviet flus jew xi haga minghand xi hadd;
2. bl-obbligu li trodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li taghmel uzu minnhom b'mod specifiku; u
3. minflok ma taghmel hekk, iddawwar dawk l-flus jew dak l-oggett bi profit ghaliha jew ghal haddiehor[1].

Illi huwa necessarju ukoll d-*dolo* cioe, ai fini ta' dan ir-reat, il-konsapevolezza li qed jigi kommess att li jmur kontra r-rieda tal-persuna li tkun ikkonsenjat l-oggett jew il-flus. F'dan ir-rigward Luigi Maino jghallem li:

*Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di*

[1] Ref Pulizija vs Enrico Petroni Appell Kriminali deciza 09.06.1998.

*consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto in oltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto,* ***dall'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale***[2]*. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita … …il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta;… …. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo*[3]*.*

Illi mill-provi akkwizieti f'dawn il-proceduri jirrizulta li l-parte civile ghamlu konvenju ma' Bahia Estates Limited u li huma hallsu somma flus akkont tal-prezz. Il-konvenju jghid testwalment: *in consideration of the price of Lm36,000 out of which price the purchaser is paying hereon the sum of Lm3,600 on account of the aforementioned full price…*[4]. L-istess dicitura hija uzata fil-kuntratt ta' appalt u fil-konvenju dwar it-tieni garaxx. Mill-konvenji, mill-kuntratt ta' l-appalt u mill-iskritturi sussegwenti li permezz taghhom gew imgedda l-konvenji, ma jirrizultax li kien hemm specifikat x'uzu kellha taghmel minn dawn il-flus is-socjeta Bahia Estates Limited. Ghandu jinghad li fil-konvenju huwa specifikat li *on the notarial deed of sale vendor shall procure the release of*

[2] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[3] Ref Commento al Codice Italiano Vol IV pagna 105
[4] Ref l-ewwel kundizzjoni tal-konvenju datat 2 ta' Dicembru 2006.

*the property to be sold pursuant to this agreement from all special hypothecs and from all special privileges now or hereafter burdening the said property* pero m'hemmx specifikat kif u x'kienet ser taghmel is-socjeta Bahia Estates Limited biex tottjeni dawn il-kancellamenti.

Illi bhala parti mill-provi tal-prosekuzzjoni (in sostenn ta'l-allegazzjoni li l-imputati, in kwanti rapprezentanti tas-socjeta Bahia Estates Limited, kellhom jhallsu l-ammonti percepiti mill-parte civile lill-APS Bank biex dan jikkancella l-ipoteki)  gew prezentati zewg *sanction letters* mahruga mill-APS Bank Limited lis-socjeta Bahia Estates Limited; wahda datata 13 ta' Gunju 2006[5] u ohra datata 20 ta' Mejju 2009[6]. Jirrizulta li Bahia Estates Limited kienet ottjeniet self minghand l-APS Bank u dan is-self kien regolat bil-kundizzjonijiet indikata f'l-ewwel *sanction letter*; il-kundizzjonijiet tal-ftehiem bejn dawn iz-zewg partijijet gew mibdula permezz tat-tieni *sanction letter*. Ghandu jinghad li t-tieni *sanction letter* harget f' Mejju tas-sena 2009 meta l-ftehiem bejn dawn iz-zewg partijijet kien skada ghalhekk zgur li m'ghandha l-ebda relevanza ghall-kaz in ezami. Pero lanqas l-ewwel *sanction letter* m'hi relevanti ghall-kaz in ezami u ma taghmilx stat bejn il-partijijet fil-proceduri odjerni ghaliex dik is-*sanction letter* hija ftehiem bejn Bahia Estates Limited u l-APS Bank Limited u l-kundizzjonijiet hemm indikati jorbot biss lill-partijiet ghal dak il-ftehiem. Il-ftehiem bejn Bahia Estates Limited u l-parte civile huwa regolat mill-konvenji u d-diversi skritturi li huma ghamlu minn zmien ghal zmien. F'dawn l-iskritturi m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' x'uzu kellu jsir mis-socjeta Bahia Estates Limited mill-flus imhallsa lilha mill-parte civile u ghalhekk qatt ma jista' jinghad li hija ghamlet uzu mhux mifthiem minn dawk il-flus.

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjoni ta' appropjazzjoni indebita ma gietx pruvata.

Ikkunsidrat

---

[5] Esebieta bhala Dok MC3 a fol 26 tal-process.
[6] Esebieta bhala Dok AM1 a fol 109 tal-process.

Illi l-imputazzjoni l-ohra migjuba kontra z-zewg imputati hija dik ta' truffa jew frodi innominata.

Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[7].

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei[8]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita*. .... *E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Antolisei jkompli jghid pero li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[9].

---

[7] Ref Pulizija ve Carmela German AK deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[8] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356
[9] Op cit pagna 357

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[10]*.*

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputati verament kienu diretturi tas-socjeta Bahia Estates Limited liema socjeta verament kienet akkwistat propjeta biex tizvilluppaha f'binja gdida. Jirrizulta wkoll li fil-fatt din il-propjeta giet zvilluppata bil-mod kif kellha tigi zvilluppata. Huwa pacifiku li s-socjeta Bahia Estates Limited kellha diffikoltajiet biex tottjeni il-kancellamenti minghand l-APS Bank Limited biex tkun tista' tbiegh parti mill-binja zvilluppata lill-parte civile. Pero huwa pacifiku ukoll li l-parte civile kienu jafu b'dawn id-diffikoltajiet u xorta baqghu iggeddu l-konvenju. F'dan il-kwadru ta' fatti ma tirrizulta l-ebda messa in xena, u lanqas ma jirrizulta xi ingann perpetrat da parti tas-socjeta Bahia Estates Limited li permezz tieghu induciet lill-parte civile biex jaghmlu l-pagamenti li fil-fatt ghamlu.

Illi tenut kont ta' dan, fid-dawl tal-provi kollha prodotti, fil-fehma tal-Qorti r-reati kontemplati f'l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta lanqas ma gew pruvati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tilliberahom minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[10] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.